MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Numru. 63/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa`]**

**vs**

**Ronnie Spiteri**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ronnie Spiteri detentur tal-karta tal-identita` numru 476885(M).

Akkuzat talli:
F'dawn il-Gzejjer, fid-19 ta' Jannar 2009 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-

delitt, fl-atti illi bihom dawn, taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, talab, ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal hadd iehor bil-ghan jesercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fis-16 ta' Settembru 2007, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz.

Rat id-dokumenti, inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ojderna tigi trattata bi procedura odjerna;

Rat l-ezami tal-imputat fejn wiegeb li hu hati ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu; u

Rat li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni, tant li hu ghen li jigu identifikati persuni ohra li kellhom rwol importanti din l-investigazzjoni; u

Rat li l-fedina penali tal-imputat hija wahda netta.

Ghldaqstant, u wara li rat l-Artikoli 17(h), 42(d), 185(1), 121A(1), 121A(2)  u 188 tal-Kap. 9 qed issib lill-imputat Ronnie Spiteri hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qeghda tilliberah

bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finalment spjegati fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------